# QORTI ĊIVILI
# PRIM’ AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta’ nhar l-Erbgħa**
**Sitta u Għoxrin (26) ta’ April 2022**

**Rikors Numru 236/2018 FDP**

Fl-ismijiet

**Shoe Boss Limited (C 61602)**

**Vs**

**Eurosport Limited (C32991)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 13 ta’ Marzu 2018, li permezz tiegħu is-soċjeta' rikorrenti talbet is-segwenti:

    1. *Illi Josephine Portellli hija direttur tal-kumpanija "Shoe Boss Ltd" li kienet tiġġestixxi ħanut tal-ħwejjeġ, żraben u aċċessorji sportivi bl-isem 'Power Max' mill-ħanut mikri fl-indirizz 50, Triq it-Torri, Sliema.*

    2. *Illi l-esponenti kienet daħlet fi ftehim mas-soċjeta' intimata sabiex din tal-aħħar tissuplixxi lill-esponenti bil-materjal kollu neċessarju biex tarma l-ħanut in kwistjoni u tbiegħ l-istess stock fejn kien hemm ftehim verbali li l-esponenti tbiegħ biss materjal 'adidas' supplit mill-intimata.*

    3. *Illi l-esponenti kienet ordnat il-materjal meħtieġ mingħand l-intimata iżda l-istess intimata naqset milli tiffornixxi l-materjal ordnat fil-ħin u oltre' minn hekk kien hemm materjal ordnat u miftiehem biex jiġi kkonsenjat mill-intimata iżda li qatt ma ġie fornit u b'hekk l-intimata ma onoratx il-ftehim ta' negozju li kien hemm bejn il-partijiet.*

    4. *Illi dan kollu wassal għal telf fin-negozju u reklam ħażin għall-esponenti li nvestiet eluf ta' Ewro f'dan in-negozju tant illi anki ħadet ukoll self*

*bankarju u dan peress li l-ħanut kien nieqes minn stock essenzjali li kien ġie ordnat iżda mhux fornit mill-intimata.*

5. *Illi di piu' is-soċjeta' intimata għamlet manuvri propju sabiex tkisser in-negozju tal-esponenti minkejja li l-partijiet kellhom ftehim dwar ix-xogħol u stock li l-intimata kellha tipprovdi lis-soċjeta' esponenti.*

6. *Illi minħabba din is-sitwazzjoni l-esponenti għamlet tnaqqis u telf fil-bejgħ tant illi eventwalment kellha tagħlaq l-istess ħanut u n-negozju.*

*Tgħid l-intimata, għaliex din l-OnorabbIi Qorti m'għandhiex prevja kull dikjarazzjoni talvolta meħtieġa u neċessarja:*

i. *Tiddikjara lis-soċjeta' intimata responsabbli għad-danni sofferti mis-soċjeta' attriċi kawża tan-nuqqas tagħha li tonora l-ftehim u n-negozju bejn il-partijiet billi tipprovdi l-materjal u ċioe' stock pattwit u fiż-żmien stipulat.*

ii. *Tillikwida, okkorendo bl-opra ta' periti nominandi, d-danni sofferti mis-soċjeta' attriċi.*

iii. *Tikkundanna lill-istess soċjeta' intimata tħallas lis-soċjeta' attriċi d-danni hekk likwidati.*

*Bir-riserva għal kull azzjoni fil-liġi, u bl-ispejjeż kollha inkluż tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju, u bl-imgħaxijiet kontra s-soċjeta' intimata minn issa nġunta għas-subizzjoni.*

2. Rat illi fl-24 ta' April 2018 is-soċjeta' intimata irrispondiet għal dak mitlub billi qajmet is-segwenti difiżi:

   1. *Illi l-kawża odjerna giet intavolata b'reazzjoni għall-kawża ppreżentata mis-soċjeta' esponenti fit-23 ta' Frar 2018, u dan wara li s-soċjeta' attriċi naqset milli tħallas l-ammonti dovuti lill-esponenti għall-merkanzija li ġiet ikkonsenjata lilha (vide Dok A);*

   2. *Illi a kuntrarju ta' dik li qiegħed jingħad fit-tieni paragrafu tar-rikors ġuramentat, in-negozju ta' bejn is-soċjeta' esponenti u dik attriċi kien limitat għal ordnijiet u konsenja ta' merkanzija, u s-soċjeta' esponenti ma kellha ebda involviment fid-deċiżjoni meħuda mis-soċjeta' attriċi li l-ħanut in kwistjoni jbiegħ esklussivament il-prodotti suppliti mill-esponenti;*

   3. *Illi di piu a kuntrarju tal-impressjoni mogħtija fir-rikors ġuramentat, in-negozju ta' bejn il-partijiet ma kienx strettament marbut mal-ħanut 'Power Max' ġewwa Tas-Sliema. Di fatti, ir-relazzjoni kummerċjaIi bejn il-partijiet bdiet f'Settembru 2016, f'liema żmien is-soċjeta' attriċi kienet qiegħda tiġġestixxi ħanut ġewwa l-Mosta;*

   4. *Illi kien biss fi Frar 2017 li s-soċjeta' attriċi infurmat lir-rappreżentanti tal-esponenti bl-intenzjoni tagħha li tibda tiġġestixxi ħanut ġewwa Triq it-Torri, Sliema, kif ukoll bl-intenzjoni tagħha li tirreloka l-merkanzija*

*għall-ħanut sakemm eventwalment tagħlaq dak tal-Mosta. Għalkemm l-esponenti esprimiet it-tħassib tagħha peress li l-ħanut il-ġdid kien ferm iżgħar minn dak ġewwa l-Mosta, ir-rappreżentanti tas-soċjeta' attriċi aċċertawha li ma kienx ser ikun hemm problemi peress li s-sit il-ġdid kien ser jiġġenera iżjed bejgħ;*

5. *Illi għaldaqstant is-soċjeta' attriċi kompliet tagħmel diversi ordnijiet ta' merkanzija mingħand is-soċjeta' esponenti, liema ordnijiet kienu destinati li jiġu kkonsenjati fix-xhur ta' wara, skont l-istaġun, kif inhi l-prassi fin-negozju tal-merkanzija ta' din ix-xorti;*

6. *Illi, b'sens ta' rieda tajba u peress li kien fl-interess tat-żewġ partijiet, is-soċjeta' esponenti tat l-għajnuna tagħha fit-twaqqif u r-reklamar tal-ħanut ġewwa tas-Sliema, u dan a spejjeż esklussivi tagħha;*

7. *Illi f'Ġunju 2017 is-soċjeta' attriċi bdiet tonqos milli teffetwa l-pagamenti dovuti, u sussegwentament kien hemm anki okkażjonijiet fejn iċ-ċekkijiet maħruġa mis-soċjeta' attriċi ma ġewx onorati;*

8. *Illi r-rappreżentanti tal-esponenti għamlu diversi laqgħat mar-rappreżentanti tas-soċjeta' attriċi sabiex jesprimu t-tħassib tagħhom u jiddiskutu l-pagamenti dovuti, iżda s-soċjeta' attriċi baqgħet dejjem taċċertahom li ma kienx hemm problemi u li l-ħlasijiet kienu ser jirċevuhom fi żmien qasir;*

9. *Illi madanakollu s-soċjeta' attriċi kompliet tonqos milli tonora l-obbligi tagħha, u preżentament fadal x'jitħallas bilanċ ta' tlieta u ħamsin elf, sitt mija u disgħa u għoxrin Ewro u sitta u għoxrin ċenteżmu (€53,629.26);*

10. *Illi għal dawn ir-raġunijiet, f'Ottubru 2017, is-soċjeta' esponenti kienet kostretta twaqqaf il-konsenji ta' merkanzija ordnata mis-soċjeta' attriċi, u dan sabiex timinimizza d-danni li kienet qiegħda ssofri b'riżultat tan-nuqqas ta' ħlasijiet;*

11. *Illi di fatti s-somma ta' €53,629.26 għadha ma ġietx imħallsa lis-soċjeta' esponenti, u dan minkejja li s-soċjeta' attriċi hija ben konxja li dan l-ammont hu dovut (vide l-korrispondenza legali mmarkata bħala Dok 8 u C). Dan il-bilanċ huwa filfatt mertu tal-kawża fl-ismijiet inversi bin-numru ta' referenza 172/2018 SM;*

12. *Illi ċertament kwalunkwe danni sofferti mis-soċjeta' attriċi ma humiex imputabbli lill-esponenti, stante li din dejjem onorat l-obbligi tagħha u saħansitra offriet għajnuna u ħadet miżuri addizzjonali sabiex tgħin lis-soċjeta' attriċi fil-ġestjoni tal-ħanut ġewwa Tas-Sliema, kif ser jiġi ppruvat waqt is-smiegħ tal-kawża;*

13. *Illi għaldaqstant it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda fl-intier tagħhom, bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' attriċi.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

**Provi:**

3. Rat l-affidavit ta' **Josephine Portelli** ippreżentat fl-4 ta' Ottubru 2018 (fol 97).

4. Rat in-nota tas-soċjetà rikorrenti ppreżentata fit-18 ta' Jannar 2019, li permezz tagħha eżebiet l-affidavit ta' **Mark Micallef** (fol 199), ta' **Marija Carmela sive Maria Muscat** (fol 201) u l-affidavit ta' **Kevin Farrugia** (fol 203).

5. Rat ix-xhieda ta' **Andrea Borg** tal-5 ta' Marzu 2019 (fol 208).

6. Rat in-nota tas-soċjetà rikorrenti Shoe Boss Limited ippreżentata fit-13 ta' Ġunju 2019, li permezz tagħha eżebew dokumenti (fol 231).

7. Rat ix-xhieda ta' **Jason Zammit** in kontro-eżami 13 ta' Ġunju 2019 (fol 275).

8. Rat ix-xhieda ta' **Joanna Bartolo** in rappreżentanza tal-Bank of Valletta tal-24 ta' Ottubru 2019 (fol 303).

9. Rat in-nota tas-soċjeta' intimata Eurosport Limited ippreżentata fil-25 ta' Ottubru 2019 li permezz tagħha tiddikjara, li mhijiex f'pożizzjoni li tikkonferma jekk id-dokumenti eżebiti mis-soċjetà rikorrenti, fis-seduta tat-13 ta' Ġunju 2019 humiex awtentiċi (fol 426).

10. Rat l-affidavit ta' **Philip Hudson** ippreżentat fis-26 ta' Novembru 2019 (fol 427).

11. Rat id-dokumenti annessi mal-affidavit ta' Philip Hudson (fol 432 *et sequitur*).

12. Rat l-affidavit ta' Jason Zammit ippreżentat fis-26 ta' Novembru 2019 (fol 656).

13. Rat in-nota tas-soċjeta' intimata Euro Sport Limited ippreżentata fl-10 ta' Diċembru 2019 fejn eżebiet, rendikont, fatturi u delivery notes tal-ordnijiet (fol 661 et sequitur).

14. Rat ix-xhieda ta' **Josephine Portelli** in kontro-eżami tal-10 ta' Diċembru 2019 (fol 727).

15. Rat ix-xhieda ta' Josephine Portelli tal-15 ta' Ottubru 2020 (fol 740).

16. Rat ix-xhieda ta' **Michael De Gaetano** tas-17 ta' Ġunju 2021 (fol 764).

17. Rat id-dokumenti ppreżentati minn Michael De Gaetano ppreżentati Dok MG1, Dok MG2 u Dok MG3 (fol 768).

18. Rat ix-xhieda ta' **Isabelle Chircop** (fol 776).

19. Rat id-dokumenti Dok IC1 eżebiti minn Isabelle Chircop (fol 780).

20. Rat ix-xhieda ta' Mark Micallef fl-1 ta' Diċembru 2021 (fol 793).

21. Rat ix-xhieda ta' **Michael Portelli** tat-3 ta' Frar 2022 (fol 803).

22. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Shoe Boss Limited.

23. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-soċjeta' Euro Sport Limited ippreżentati fl-atti tal-kawża 172/2018 illi kienet qiegħda timxi mal-kawża odjerna u li ġiet deċiża llum wkoll.

## Fatti tal-każ

24. Jirriżulta li s-soċjeta' rikorrenti kienet tixtri prodotti konsistenti fi żraben, ħwejjeġ u aċċessorji sportivi, mingħand is-soċjeta' Euro Sport Limited, u dan sabiex tbiegħhom fil-ħanut tagħha.

25. Jirriżulta li s-soċjeta' rikorrenti inizzjalment kienet qed topera n-negozju tagħha minn ħanut fil-Mosta, iżda f'Marzu 2017, is-soċjeta' rikorrenti bdiet tiġġestixxi n-negozju tagħha minn ħanut li nfetaħ bl-isem 'Power Max' fl-indirizz 50, Triq it-Torri Sliema.

26. Jirriżulta li saru diversi konsenji ta' merkanziji minn Marzu 2017 sa l-aħħar ta' Settembru 2017, u l-invoices eżebiti juru biċ-ċar li l-prodotti ġew riċevuti peress li huma iffirmati. Iżda, is-soċjeta' rikorrenti qed tilmenta li l-ordnijiet tal-materjal ma kinux qed jiġu konsenjati fil-ħin u li kienu qed jiġu konsenjati lilha bi prezz aktar għoli.

27. Jirriżulta mill-provi u mid-dokumenti eżebiti, li s-soċjeta' Euro Sport, permezz ta' proċeduri distinti u separati ppreżentati qabel il-kawża odjerna, kienet interpellat lis-soċjeta' rikorrenti għall-ħlas relatati mal-konsenja ta' prodotti, fejn baqgħet titlob il-ħlas dovut għall-konsenji li saru matul l-istaġun tas-sajf 2017, u niedet kawża kontriha.

28. Jirriżulta li sussegwentement, in-negozju tas-soċjeta' rikorrenti falla, peress, li ma kellhomx fondi biex ikomplu jiġġestixxu in-negozju tant, li l-ħanut 'Power Max' ingħalaq.

## Meritu tal-każ

29. Is-soċjeta' rikorrenti qed tikkontendi li, konsegwenza tal-aġir tas-soċjetà intimata Euro Sport Limited, li allegatament ma onoratx il-ftehim bejn il-partijiet u ma pprovdietx il-materjal u l-istock fiż-żmien stipulat, hija sofriet danni li s-soċjetà intimata kellha tinstab responsabbli għalihom.

30. Il-Qorti tibda billi tosserva illi jidher ċar li l-kawża odjerna ġiet ippreżentata wara kawża fl-ismijiet inversi fejn is-soċjetà Euro Sport Limited, ipproċediet fil-konfront tas-soċjetà Shoe Boss Limited għall-ammont ta' tlieta u ħamsin elf, sitt mija, disgħa u għoxrin Ewro u sitta u għoxrin ċenteżmu (€ 53,629.26).

31. Fil-każ odjern, l-ilment tas-soċjetà rikorrenti huwa ippernjat prinċipalment, fuq dak allegat li l-ordnijiet ma kinux qed jiġu suppliti fi żmien miftiehem, kif ukoll, li s-soċjetà intimata kienet qed tbiegħ materjal lis-soċjetà rikorrenti bi prezz ogħla minn dak l-istess prodotti jinbiegħu fi ħwienet oħra, biex b'hekk is-soċjetà rikorrenti ma bdietx tmur tajjeb fin-negozju, u falliet fin-negozju tagħha.

32. Fis-sottomissjonijiet tagħha, is-soċjeta' rikorrenti, sostniet li fis-sena 2017, huma fetħu ħanut f' Tas-Sliema sabiex jinbiegħ biss materjal sportiv provdut minn Eurosport Limited, fejn il-ftehim kien fis-sens li jiġi ordnat ammont ta' € 90,000 fi stock. Madanakollu ingħatalhom ferm anqas minn dak miftiehem.

33. Għalhekk, is-soċjetà rikorrenti qed issostni li d-danni reklamati jikkonsistu fl-ammont tas-self li ngħata mingħand il-Bank of Valletta fl-ammont ta' ħamsa u sebgħin elf Ewro (€75,000) biex jinfetaħ il-ħanut f'Tas Sliema. Ġie indikat ukoll illi l-ħanut f' Tas-Sliema

kellu kirja ta' € 90 kuljum li huma inkorrew. Finalment, is-soċjetà rikorrenti kkontendiet li għamlet spejjeż oħra fl-ammont ta' sitta u tletin elf Ewro (€ 36,000), (liema spejjeż ġew elenkati fl-affidavit ta' Josephine Portelli, direttur tas-soċjeta' Shoe Boss Limited). Dawna t-tlett somom kienu qed jiġu reklamati bħala danni, ladarba in-negozju ma rnexxiex u sfaxxa.

34. Il-Qorti tosserva, madanakollu, li kif tajjeb sottomess fis-sottomissjonijiet tas-soċjeta' rikorrenti, huwa fatt ben ammess, li ma kien hemm l-ebda kuntratt jew ftehim bil-miktub bejn il-partijiet. Madanakollu, mill-provi u mill-atti tal-każ, jidher li kien hemm xi ftehim dwar in-negozju bejn il-kontendenti u dan tramite l-korrispondenza li kienu jibagħtu lil xulxin.

35. Jingħad illi, minn tali korrispondenza, minn imkien ma jidher ippruvat illi s-soċjeta' intimata qatt intrabtet milli tipprovdi l-merkanzija kif indikat mis-soċjeta' rikorrenti. Anzi, jidher ċar illi f'kull korrispondenza kien hemm indikat illi kwalsiasi ordni kienu soġġetta għall-konferma u mhux neċessarjament kienet ser issir.

36. Jingħad ukoll li rriżulta ċar mill-provi u mix-xhieda ta' Mark Micallef u Jason Zammit, li ma kienx hemm restrizzjonijiet sabiex Shoe Boss Limited tbiegħ biss b'mod esklussiv il-prodotti suppliti mis-soċjeta' Eurospsort Limited. Wisq anqas jirriżulta li kien hemm xi ftehim bejn il-partijiet, li fil-ħanut ta' soċjetà rikorrenti jinbiegħu biss prodotti tad-ditta 'Adidas', kif qed tallega is-soċjetà rikorrenti. Di fatti, jirriżulta mid-dokumenti eżebiti, fosthom mill-order forms eżebiti, li kien hemm lista ta' prodotti ta' diversi ditti u marki differenti, li jvarjaw minn żraben, ħwejjeġ, u aċċessorji ta' diversi marki.

37. Il-Qorti tagħmel referenza għal dak indikat fil-korrispondenza ta' emails bejn il-partijiet, speċifikatament dak indikat fol 386, tal-proċess 172/2018, li kienet miexja kontemporanjament mal-kawża odjerna, fejn jidher li l-kollaborazzjoni bejn iż-żewġ soċjetajiet bdiet qabel ma s-soċjetà rikorrenti investiet fil-ħanut f' Tas-Sliema, tant li l-ewwel żewġ ordnijiet, kienu saru fejn il-ħanut tal-Mosta, fejn is-soċjeta Shoe Boss Limited kienet preċedentement.

38. Jidher ċar ukoll, f'din l-istess email, li kienet id-deċiżjoni unika tas-soċjeta Shoe Boss Limited li tinvesti post ġdid f' Tas-Sliema u li s-soċjeta' intimata Euro Sport Limited, ma kellha ebda influwenza fuq din id-deċiżjoni.

39. Finalment, fl-istess email, ikompli jingħad li referibbilment għall-istock tax-xitwa tas-sena 2017, kienu nfurmaw lis-soċjeta' Shoe Boss Limted, għal diversi drabi, li ma setgħux jikkonsenjaw l-istock qabel ma titħallas il-konsenja tas-sajf tas-sena 2017, dan għaliex kien hemm pendenzi, li baqgħu ma tħallsux, u ċekkijiet maħruġa mis-soċjeta' Shoe Boss Limited, ma ġewx onorati u li saħansitra l-aħħar ċekk sar 'stop payment' fuqu. Għalhekk, f'din l-istess korrispondenza kien qed jerġa' jintalab il-ħlas għall-istock preċedenti, in vista tal-fatt li kien ingħata terminu ta' aktar minn 90 ġurnata biex isir dan il-pagament.

40. Jirriżulta, f'email oħra eżebita a fol 387 tal-każ 172/2018, li s-soċjeta' Shoe Boss Limited ġew infurmati li saħansitra qed jingħata lilhom termini ta' 30 jum addizzjonali sabiex jagħmlu l-pagament dovut li b'kollox ingħataw terminu ta' 120 ġurnata, dan għaliex l-ammont ta' għaxart elef, mitejn u sitta u għoxrin Ewro (€ 10,226) li kellu jitħallas sa l-aħħar ta' Awissu 2017 baqa' ma tħallasx, u lanqas iċ-ċekk li nħareġ f'dak l-ammont, ma seta' jiġi onorat minħabba nuqqas ta' fondi fil-kont tas-soċjeta' Shoe Boss Limited.

41. Jidher ċar li x-xogħol kien qed jiġi supplit mis-soċjeta' Euro Sport Limited, b'mod regolari sa Ottubru 2017, u dana joħroġ kemm mill-order forms eżebiti fol 116 *et sequitur* fil-każ 236/2018 kif ukoll fl-order forms eżebiti fil-każ 172/2018, fol 136 *et sequitur*.

42. Issir referenza wkoll għall-invoices eżebiti fol 54 *et sequitur* ta' dan il-każ, li jinsabu iffirmati minn Josephine Portelli *qua* direttur tas-soċjeta' Shoe Boss Limited. Josephine Portelli fix-xhieda tagħha in kontro-eżami kkonfermat, li f'xi wħud mill-invoices hemm il-firma tagħha.

43. Referibbilment għal korrispondenza eżebita bħala Dok JP2 fol 112 tal-proċess odjern, jidher manifestament ċar, li kienu qed jiġu ppreparati ordnijiet sabiex jiġu suppliti lis-soċjetà rikorrenti, u f'Marzu 2017, Josephine Portelli, infurmat bil-miktub li kellhom iċ-ċwievet tal-ħanut il-ġdid f' Tas-Sliema (fol 114). L-allegazzjoni da parti tas-soċjetà rikorrenti li sofrew telfien ta' bejgħ, minħabba nuqqas ta' konsenja ta' materjal fornut fil-ħin, mhuwiex ippruvat. Anzi, kuntrarjament, jirriżulta li fl-affidavit ta' Mark Micallef, jingħad is-segwenti:

> "*Min-naħa tagħna bqajna nkaxkru bil-ħanut peress li kien hemm stock biex nippruvaw inbigħuh u ma nibqgħux nagħmlu telf. Iżda meta l-għalaqna kien baqa' stock ta' ċirka € 40,000 (dan huwa terz ta' kemm suppost kellu jkollu stock il-ħanut biex imur tajjeb). Aħna konna wasalna li nbiegħu l-istock b'40% għal każ biex nippruvaw tal-anqas nirkupraw l-ispejjeż iżda hekk konna qed inbiegħuh b'telf.*
>
> *Lejn Novembru/Diċembru 2017, kont tkellimt ma' Jason, biex jieħdu x-xogħol lura la ma kinux lesti jaħdmu magħna u da parti tiegħu kellu jkellem lil ta' fuqu iżda mbagħad irċevejna l-mandat mill-qorti.*
>
> *Min-naħa tagħna kien hemm investiment fil-ħanut għal finishings, reklami ta' ċirca € 30,000 u kirja ta' € 32,000 fis-sena u għalhekk dan l-aġir min-naħa ta' Euro Sport għamilna telf kbir."*

44. Jiġi osservat illi, kif stqarr Micallef stess, il-ħanut kien għad għandu stock sostanzjali fl-ammont ta' erbgħin elf Ewro (€ 40,000), u għalhekk a huwiex minnu li ma sarux konsenji skont kif stipulat.

45. Din il-Qorti hija konvinta wkoll li l-ispejjeż inkorsi għall-ħanut 'Power Max' kienet għażla unika tas-soċjetà rikorrenti. Għalhekk, bl-ebda mod dawn l-ispejjeż inkorsi nonostante il-falliment tan-negozju, ma jistgħu jiġu addebitati lis-soċjetà intimata Euro Sport Limited.

46. L-unika prova li rnexxielha tressaq is-soċjetà rikorrenti, kienu l-ilmenti miktuba ta' korrispondenza mibgħuta mill-istess Josephine Portelli fol 191, u 194 tal-proċess, fejn ilmentat li ma setgħux ikomplu hekk u li konsegwenza tal-aġir mhux sodisfaċenti tas-soċjetà Euro Sport Limited, ser iżżomm iċ-ċekk milli jissarraf, u għalhekk sar l-istop payment. Jingħad, iżda, li l-provi juru mod ieħor, peress li r-rappreżentant tal-Bank of Valletta xehdet fil-każ 172/2018 u kkonfermat li ma kienx hemm fondi fil-kont tas-soċjeta' Shoe Boss Limted, bir-riżultat illi, anke li kieku ma kienx sar 'stop payment' taċ-ċekk, xorta waħda, dan ma kienx ser jissarraf minħabba nuqqas ta' fondi.

47. Ikkunsidrat dan kollu, il-Qorti tagħlaq billi tirrileva li, mir-riżultazi fattwali u mill-atti tal-każ, jirriżulta, li ma kienx hemm kuntratt jew ftehim bil-miktub bejn il-partijiet. Jirriżulta wkoll illi l-ilmenti tas-soċjeta' rikorrenti rigwardanti danni ma ġewx ippruvati u dan peress illi, fil-każ ta' danni, jeħtieġu li jiġu ppruvati ness ta' kawża u effett, bejn l-att jew ommissjoni ħażina da parti ta' naħa u d-danni sofferti da parti ta' naħa oħra.

48. Kif jipprovdi l-Artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili jitkellem ċar dwar dan.

> *"Il-ħsara li l-persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha hija t-telf effettiv li l-għemil tagħha ikun iġib direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qliegħ ieħor attwali, u t-telf ta' qliegħ li tbati 'il quddiem minħabba inkapaċita` għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-għemil seta' jġib."*

49. Fil-każ in eżami, dan in-ness ta' kawża u effett, bejn l-allegat att jew ommissjoni da parti tas-soċjeta' intimata, u l-allegati danni sofferti mis-soċjeta' rikorrenti, ma jirriżultax ippruvat.

50. Għaldaqstant, ser tirrespinġi t-talbiet tas-soċjeta' rikorrent għall-motivi spjegati.

**Konklużjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali kollha ppreżentati quddiemha;

Wara illi rat is-sottomissjonijiet tal-abbli difensuri tas-soċjeta' rikorrenti, u tas-soċjeta' intimata;

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza odjerna billi:

**Tilqa'** l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta' intimata.

**Tiċħad** it-talbiet tas-soċjeta' rikorrenti kif dedotti għar-raġunijiet spjegati.

**L-ispejjeż** għall-proċeduri odjerni għandhom ikunu a kariku tas-soċjeta' rikorrenti.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
Imħallef

**Rita Sciberras**
Deputat Reġistratur